# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## ILLUM L-20 TA' MEJJU 2019

**Kawza Numru: 6**

**Rik. Gur. 992/2018 RGM**

**Joseph Chetcuti (K.I. 435069(M)**
**u Lourdes Chetcuti (K.I. 456871(M)**

**vs.**

**Jason Caruana (K.I. 190998M)**
**u Clayton Schembri (K.I. 20485M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat ta' Joseph Chetcuti u Lourdes Chetcuti** prezentat fl-10 t'Ottubru, 2018 li permezz tieghu ippremettew u talbu is-segwenti:

1. Illi l-atturi inkarigaw lill-konvenuti, aċċettanti, sabiex jeżegwixxu xogħlijiet konsistenti minn tweħħil u istallazzjoni ta' *artificial rock works*, u xogħlijiet oħra anċillari u aċċessorji, fil-proprjeta' ta' l-atturi, u ċioe' fil-fond magħruf bl-isem "Villa Chetcuti", fi Triq San Pawl, Naxxar.

2. Illi bejn il-kontendenti, inqalgħet tilwima dwar l-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet, u dwar il-ħlas tal-bilanċ pretiż mill-konvenuti, tant li l-atturi ġja' pproċedew permezz ta' kawża oħra fl-ismijiet hawn fuq premessi, permezz tar-rikors maħluf bin-numru mija tmienja u erbgħin tas-sena elfejn u tmintax (148/2018), liema kawża għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

3. Illi fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-konvenuti iskrivew privileġġ speċjali fuq il-fond magħruf bħala "Villa Chetcuti", fi Triq San Pawl, in-Naxxar, għall-ammont ta' erbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€14,400), deskritti bħala rappreżentanti l-prezz ta' istallazzjoni ta' *artificial rock works*, u liema privileġġ ġie hekk iskritt abbażi ta' l-artikolu 2010(b) tal-Kodiċi Ċivili, permezz tan-nota bin-numru ħamest elef mija wieħed u erbgħin tas-sena elfejn u tmintax (H/5141/2018).

4. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-posizzjoni rispettiva tal-kontendenti fil-kawża dedotta permezz tar-rikors maħluf bin-numru mija tmienja u erbgħin tas-sena elfejn u tmintax (148/2018), il-konvenuti ma għandhom ebda privileġġ speċjali fil-konfront ta' l-atturi, billi x-xogħlijiet minnhom magħmula m'humiex bini jew bini mill-ġdid jew tiswijiet.

5. Illi għalhekk l-iskrizzjoni fuq imsemmija saret bla jedd u abbużivament.

6. Illi minkejja li l-atturi nterpellaw lill-konvenuti sabiex jikkanċellaw l-iskrizzjoni preċitata, dawn baqgħu inadempjenti.

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

8. Illi l-attur Joseph Chetcuti jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Għaldaqstant l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment ieħor li lilha jkun jidhrilha xieraq u opportun, jogħġobha:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti m'għandhom ebda privileġġ speċjali ai termini ta' l-artikolu 2010(b) tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront ta' l-atturi;

2. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti wettqu l-iskrizzjoni tal-privileġġ permezz tan-nota bin-numru ħamest elef mija wieħed u erbgħin tas-sena elfejn u tmintax (H/5141/2018) bla jedd u abbużivament;

3. tordna l-pubblikazzjoni ta' l-att ta' kanċellament opportun fil-jum, ħin u lok li jiġu ffissati minnha għal dan il-għan, u dan previa l-ħatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippubblika tali att, u l-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru għal kull eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti *in solidum*, li huma minn issa nġunti in subizzjoni, u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi skond il-liġi.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Jason Caruana u Clayton Schembri prezentata fil-21 ta' Novembru, 2018 fejn jinghad kif gej:

i. Preliminarjament, il-kreditu indikat fil-privilegg specjali iskritt bin-nota bin-numru hamest elef mija wiehed u erbghin tas-sena elfejn u tmintax (H/5141/2018), u cioe' s-somma ta' erbatax-il elf, u erba' mitt euro (€ 14,400) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' istallazzjoni ta' *artificial rock works* rezi mill-esponenti lill-atturi f'din il-kawza, fuq inkarigu tal-istess atturi, fir-residenza taghhom Villa Chetcuti, Triq San Pawl, Naxxar, flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli fuq l-istess somma b'effett mit-22 ta' Jannar 2018, huwa l-mertu tal-kawza prezentata fl-istess ismijiet ta' din il-kawza bir-rikors mahluf 148/2018 pendeti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament

presjeduta, liema kawza ghada pendenti. Konsegwentement hemm lok ta' soprasessjoni ta' din il-kawza pendenti l-ezitu tal-proceduri 148/2018.

ii. F'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, m'hemm l-ebda raguni ghaliex dan il-privilegg ghandu jigi kancellat u dana stante illi x-xogholijiet li taghhom hu pretiz il-hlas, jirraffiguraw fil-parametri tal-Art 2010(b) tal-Kap 16, u cioe' billi dan il-privilegg kien gie iskritt fi zmien xahrejn minn meta kienu gew temrinati x-xogholijiet u apparti minn hekk, il-kredituri huma appaltaturi, bennejja u haddiema, x-xoghol kien sar fuq immobbli mibni, jew mibni mill-gdid jew msewwi u l-kreditu pretiz huwa ghall-ispejjez u ghall-prezz ta' xogholhom. Ir-rizultat ta' dan hu li hemm raguni legtimma ghaliex dan il-privilegg seta' jigi iskritt, u ghalhekk mhux minnu illi l-esponenti m'ghandhom ebda privilegg specjali fil-konfront tal-atturi.

iii. Illi sallum il-bilanc tal-prezz pretiz ghall-imsemmija xogholijiet ghadu pendenti.

iv. Konsegwentement, m'hemm l-ebda raguni ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti m'ghandhom ebda privilegg specjali ai termini tal-Art 2010(b), u li l-iskrizzjoni relattiva saret bla jedd u abbusivament, u ghalhekk isegwi li m'hemm l-ebda raguni ghaliex ghandu jigi ordnat il-kancellament ta' dan il-privilegg specjali.

v. Salv eccezzjonijiet ohrajn permessi skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat l-affidavits tal-konvenuti kif ukoll il-kopja informali tal-proceduri fl-ismijiet Joseph Chetcuti et vs. Clayton Schembri et bir-rikors numru 148/2018MHipprezentati mir-rikorrent;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li l-mertu tal-proceduri odjerni huwa identiku ghall-mertu tal-procedura pprezentata fl-istess ismijiet bir-rikors numru 148/2018MH liema kawza ghada pendenti u ghalhekk hemm lok ghal soprassessjoni tal-kawza odjerna sakemm tigi deciza b'mod definit il-kawza l-ohra.

**Soprassessjoni**

Huwa pacifiku fil-gurispudenza[1] li s-soprasessjoni ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti, fis-sens li l-kwistjoni nvoluta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra tista' tinfluwixxi fuq il-mertu ta' l-azzjoni prezenti. Ghalhekk is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra: "Is-soprasessjoni hemm lok għaliha meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra, u għalhekk ma jistax ikun hemm lok għas-soprasessjoni jekk ma teżistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalità ta' din id-dipendenza"[2].

Is-soprasessjoni hija ndikata f'dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghal soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta[3]. Huwa ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza nostrana[4] li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha

---

[1] **George Cassar vs. Francis Xuereb** deciz mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-12 ta' Marzu 1973; **Francesco Galea vs. Pawlu Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-23 t'April 1955.

[2] **Joseph Degaetano vs. Avv Louis Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t'Ottubru 1981.

[3] **Joseph Azzopardi vs. Victor Critien** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 t'April 1962.

[4] **Joseph Camilleri vs. Joseph Vassallo Gatt** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 1997; **Carmelo Calamatta vs. Mario Darmenia** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-12 ta' Novembru 2003; **Angelo Mallia vs. David Mallia** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2004; u

tirrikorri ghalih biss meta tinqala kwistjoni li d-decizjoni taghha tista' tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza u fl-istess hin ma tistax tigi ezaminata fl-istess kawza jew ikun spedjenti li tigi ezaminata f'kawza ohra separata. Kwindi ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` dipendenza ta` kawza fil-konfront ta` ohra. Il-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti u mhux sempliciment meta l-ispedjenza tkun mera possibilita`.

L-għoti tas-soprasessjoni huwa ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-qorti, liema diskrezzjoni tiddependi mic-cirkostanzi partikolari u specjali ta' kull kaz.

Fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Alfred Mifsud vs. Onorevoli Prim Ministru** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 1994 gie ritenut li: "Is-soprassessjoni hija, minnha nnifisha miżura eċċezzjonalissima għaliex tiffrena l-andament normali ta' kawża b'mod billi twaqqaf għalhekk dik l-ispeditezza li tesiġi l-ġustizzja biex kull kawża tinqata' fi żmien raġonevoli". Gie stabbilit[5] ukoll li l-qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun sejra tbati preġudizzju. Finalment, l-ispeditezza u l-gustizzja jesigu illi kull kawza tigi deciza fi zmien ragonevoli u ghandha tigi applikata biss jekk hu necessarju fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Ikkunsidrat

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, jkun ghaqli wkoll f'dan l-istadju li tikkunsidra l-elementi tal-*lis alibi pendens* regolat bl-Artikolu 792 et seq tal-Kapitolu 12. Din il-Qorti konsapevoli tal-fatt li ghandhom jigu evitati sorprizi waqt sentenzi u li l-partijiet ghandhom jinghataw l-opportunita' jittrattaw kull punt

---

**Joseph Gaffarena vs. Mixer Concrete Works Limited** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju 2005; **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Annamaria Spiteri Debono pro et noe et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 t'April 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Ottubru 2014.

[5] **Amber Properties Limited (C-28781) vs. Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited** (C-43884) et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Marzu 2013.

li l-Qorti jista' jkollha fi-hsieb taghha, waqt it-trattazzjoni ghamlet mistoqsijiet lill-legali tal-partijiet dwar il-possibilita ta' konnessjoni ta' dawn il-proceduri.

**Lis alibi pendens**

L-istitut tal-*lis alibi pendens* jew tal-konnessjoni ta' kawża ma' oħra hu regolat mill-**Artikoli 792 sa 794 tal-Kapitolu 12,** li jistabbilixxi fost ohrajn is-segwenti

792. Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra.

793. (1) Meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot d-deċiżjoni tal-oħra jew tal-oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien. [...]

794. (1) L-eċċezzjoni lis alibi pendens jew ta' konnessjoni ta' kawża ma' oħra tista' tingħata f'kull żmien sas-sentenza.

(2) Il-qorti għandha tiddeċidi l-eċċezzjoni; u, meta l-eċċezzjonima tiġix milqugħa, il-qorti tista' fl-istess ħin tiddeċidi l-meritu tal-kawża. [...]

Fir-rigward gie imfisser li

*La litis pendentia si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi. È necessario quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, inanzi a due giudici diversi (identità di soggetti, petitum, causa petendi). Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare*

*uno dei due processi sulla stessa controversia, per evitare uno spreco di attività processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati*.[6]

Fil-kawza **Anatoli Reznikov et. vs. Nikolai A. Kotivov pro et noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Marzu 1994 gie kkunsidrat illi

*The plea is somewhat parallel with the plea of exceptio rei judicatæ. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of litis pendentia in the words of section 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first court. In fact, doctrine and case law in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the court to declare its own incompetence ex officio if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein.*

*The essential condition for this plea is the identity of the two actions which results from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-matter and the case of the demand.*

Huwa risaput, anka mill-insenjament hawn kwotat, illi l-Qorti tista' hija stess tissolleva *ex officio* l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* meta jingieb a konjizzjoni taghha li hemm procedura ohra pendenti quddiem Qorti ohra li tkun f'posizzjoni ahjar minn dik il-Qorti sabiex tisma' l-kawza. L-eccezzjoni tal-*litis pendentia* hija ta' ordni pubblika u hija ghalhekk li din l-eccezzjoni tista' tigi sollevata *ex officio*.

Sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* iridu jissussistu tliet rekwiziti: (i) iz-zewg kawzi jridu jkunu bejn l-istess partijiet u dawn ikunu

[6] *Diritto Processuale Civile: Edizioni Giuridiche Simone* - 2000 pagni 43 – 44.

qeghdin jagixxu fl-istess kwalità (*eadem personae*); (ii) iz-zewg kawzi jrid ikollhom l-istess suggett (*eadem res*); (iii) it-talbiet fiz-zewg kawzi irid ikollhom l-istess causa (*idem ius u eadem causa pretendi*) u dawn iridu jirrizultaw *ictu oculi*.

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in ezami, b'applikazzjoni tat-taghlim fuq referit, jehtieg li l-Qorti taghmel paragun bejn il-proceduri odjerni u l-proceduri li gew istitwieti qabel dawn. Minn ezami taz-zewg kawzi, jirrizulta illi :

a. is-suggett (*res*) huwa l-istess ghax jittratta istallazzjoni ta' *artificial rock works*;
b. ir-ragunijiet illi fuqhom huma bbazati l-kawzi (*causa*) huma essenzjalment l-istess, u dan peress li filwaqt li fil-procedura 148/2018 ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil dik l-Onorabbli Qorti tiddeciedi jekk sarux tiswijiet mill-konvenuti, il-validita o meno tal-privilegg specjali ser ikun qieghed jiddependi minn dik id-decizjoni in vista li fil-kawza odjerna r-rikorrenti sejsu l-azzjoni taghhom fuq il-fatt li l-privilegg specjali mhux validu ghaliex il-konvenuti ma wetqux tiswijiet fil-fond in kwistjoni;
c. il-partijiet involuti (*personae*) indubjament huma komuni.

Illi in vista li l-elementi mehtiega taht l-eccezzjoni ta *lis alibi pendens* gew sodisfati, din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li jkun ghaqli u fl-ahjar interess tal-gustizzja li flok tigi sospiza l-procedura odjerna, din ghandha tigi konnessa mal-proceduri istitwiti qabel din. Din tghin ukoll sabiex ikun hemm speditezza fil-procedura aktar u aktar meta l-provi kollha ser ikunu qed jingabru f'dik il-kawza u b'hekk jigi evitat ukoll id-dupplikazzjoni ta' gbir ta' provi kif ukoll jigi evitat konflitt bejn deċizzjonijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti;

2. At termini tal-**Artikolu 792 tal-Kap. 12** tiddikjara illi jirriżultaw l-estremi sabiex dina l-kawza tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta li quddiemha qieghda tinstema' l-kawza numru Rikors 148/2018 MH.

3. Ghaldaqstant qieghda tirrimetti l-atti lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex' din il-kawza tkompli tinstema minn din il-Qorti diversament preseduta li quddiemha qieghda tinstema' l-kawza numru Rikors 148/2018 MH.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**